MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 14/2012

**ANTOINETTE GAUCI**

**Vs**

**DIRETTUR TAS-SIGURTA SOCJALI**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tat-30 ta’ Mejju 2012, fejn l-Arbitru ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“L-Arbitru:-*

*Deher I Cilia ghad-Direttur.*

*Meta ssejjah l-appell, dehret l-appellant. Deher ukoll ir-rapprezentant tad-Dipartiment.*

*Ir-rapprezentant tad-Dipartiment spjega illi dan l-overpayment ikopri l-perjodu 19 ta’ Jannar 1990 sat-3 ta’ Jannar 1992. Illi meta din ma thallasx id-deipartiment mexa*

*kontra zewgha ghal din ir-rifuzjoni izda dan wera lid-dipartiment kuntratt ta' separazzjoni tad-9 ta' Gunju 1999 fejn l-istess appellanti qablet illi zewgha kien filfatt ta l-arretrati kollha sad-data tal-istess kuntratt kemm ghaliha u ghal uliedhom. Id-Dipartiment baqa' reputtatament kemm verbalment kif ukoll bil-miktub jitlob diversi drabi ghal hlas ta' rifuzjoni u l-ahhar wahda kienet f'Ottubru 2010 li minnu qed issir l-appell odjern. Jidher illi ghalkemm din l-ahhar ittra issemmi dritt ta' appell, dina ma tistax issir sabiex testendi l-preskrizzjoni. Id-Dipartiment jissottometti wkoll illi anki l-appell odjern huwa tardive a tenur tal-Artiklu 108(3) tal-Kap 318.*

*L-appellanti sottomettit illi ghalkemm hija ffirmat il-kuntratt msemmi, zewgha kien ta' somma mizera ghat-tul ta' zmien li suppost kien immantniha. Taqbel ukoll li d-dipartiment kien baghat ghaliha diversi drabi u hija marret u kienet tghidilhom li kienet ser tkellem lill-Avukat. L-Avukat kien jghidilha li qed jirrispondi lid-dipartiment u ghalhekk hija tifhem li dawn il-flus kellu jhallashom zewgha. Hi tikkontendi li la zewgha ghaz-zewg ulied li kellhom u lanqas il-partner taghha Joseph Barbara ghall-erba' ulied li kellha minnu, ma kienu jmantnuha.*

*Ghalkemm hija studjat, xorta ma tafx it-terminu tal-appell, izda hija dejjem marret ghand l-Avukat.*

*Peress illi jidher li d-decizjoni relattia ttiehdet aktar minn tletin gurnata kif kontemplat mill-ligi u l-verzjoni mghotija mill-appellanti mhix konvincenti, l-appell ghandu jigi michud".*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, il-beneficcjarja Antoinette Gauci ressqet aggravvju wiehed li jinkwadra ruhu fid-decizjoni moghtija mill-Arbitru li iddecieda illi l-appell interpost mid-decizjoni tad-Direttur ghas-Sigurta Socjali kien wiehed *fuori termine*. Tishaq illi hija qatt ma giet innotifikata bid-decizjoni tad-Direttur izda giet moghtija l-ittra f'idejha mid-Dipartiment fit-03 ta'Dicembru 2010 u wara ressqet l-appell taghha fiz-zmien statutorju moghti lilha bil-ligi. Tishaq illi l-piz tal-prova in konnessjoni mal-preskrizzjoni sollevata mid-Direttur kienet tinkombi fuqu li kellu iressaq evidenza illi hija kienet irceviet id-decizjoni tieghu *a tempo vergine*.

Illi mill-atti probatorji ghalkemm johrog bhala fatt mhux ikkontestat illi kienet ittiehdet decizjoni mid-Direttur ghas-Sigurta Socjali ghar rifuzjoni tal-Ghajnuna Socjali li kien inghata lill-beneficcarja ghal perijodu bejn id-19 ta' Jannar 1990 u it-03 ta' Jannar 1992, madanakollu l-uniku dokument li jinsab fl-atti fejn hija

imfissra tali decizjoni hija dik datata 20 ta’ Ottubru 2010, ipprezentata mill-appellanti stess. L-appellanti issostni illi kien biss fit-03 ta’ Dicembru illi din id-decizjoni giet mghoddija lilha meta giet mitluba taccedi fl-ufficcji tad-Dipartiment. Ghalhekk hija ressqet l-appell taghha fit-tletin jum moghti bil-ligi min-notifika lilha ta’ tali decizjoni. Fid-dawl ta’ dawn il-fatti d-Direttur issolleva l-irritwalita ta’l-appell billi kien *fuori termine* u dana a tenur ta’l-artikolu 108(3) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddisponi:

“***Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), appell minn deċiżjoni tad-Direttur mogħtija taħt il-proviso li hemm mal-artikolu 35 u taħt l-artikoli 58 u 106 jista’ jsir lill-Arbitru bil-miktub fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju skont il-każ.***”

Dan ghaliex id-Direttur jishaq illi l-ittra ta’ Ottubru 2010 kienet biss *reminder* billi kienu intbaghtu diversi ittri minnu, tlieta minnhom jinsabu esebieti in atti datati 30 ta’ Marzu 2004, 7 ta’ Lulju 2004 u 15 ta’ Ottubru 2004 bl-ahhar wahda tkun ittra ufficjali. Mill-minuti tal-file tad-Dipartiment, imbaghad jidhru diversi notamenti li kollha jindikaw illi l-appellanti kienet qed tigi regolarment infurmata illi l-hlas zejjed li sar huwa dovut minnha u mhux minn zewgha li minnu kienet legalment separata, fejn hi kienet regolarment tinsisti mad-Dipartiment li kienet ser tkellem lill-avukat taghha. Dawn il-minuti jidhru li gew maghmula fis-sena 2004 meta kienu qed jintbaghtu diversi ittri lill-beneficcjarja inkluza l-ittra ufficjali hawn fuq indikata. Wara s-sena 2004 ma hemm l-ebda korrispondenza ohra esebieta ghajr ghall-ittra tal-20 ta’ Ottubru 2010, esebieta mill-appellanti stess, kif inghad. Huwa biss mar-risposta intavolata mid-Direttur ghall-appell odjern illi giet esebieta korrispondenza ulterjuri fejn jidher illi l-appellanti kienet wiegbet ghall-ittri interpellatorji u ittri ufficjali mibghuta lilha mid-Dipartiment tramite il-konsulent legali taghha. Illi id-Direttur appellat jipprezenta dokument immarkat bhala Dokument DSS1

mahrug mis-Sistema Amministrattiva Beneficcji Socjali (SABS) li tindika illi l-appellanti gie tinnotifikata bid-decizjoni datata 20 ta' Ottubru 2010 dak in-nhar stess. Kwindi ma hemmx dubbju, jinsisti id-Direttur, illi l-appell quddiem l-Arbitru gie ipprezentat tardivament billi dan igib id-data tal-14 ta' Dicembru 2010.

Illi l-appellanti taghti x-xhieda taghha quddiem din il-Qorti fejn tinsisti illi hija irceviet id-decizjoni tad-Direttur f'Dicembru 2010 u li meta kienet tircevi xi interpellazzjoni mid-Dipartiment, dejjem kienet taccedi ghand l-avukat taghha. Fil-fatt dana jirrizulta mill-korrispondenza legali esebieta in atti u minn dak li tghid l-appellanti stess fix-xhieda taghha fejn tishaq illi kien hemm zmien meta rappresentant tad-Dipartiment kien issuggerielha li tiffirma ftehim dwar il-metodu ghal hlas lura ta'l-ammont dovut, izda hi qatt ma iffirmatu.

"***Ghal kuntrarju tat-terminu gudizzjali t-terminu perentorju dettat mil-ligi ma jista' taht l-ebda cirkostanza u ghall-ebda raguni jigi prorogat jew estiz. Fil-Kodici ta' Procedura Civili dan lanqas del resto jista' jigi akkorcjat, hlief f'dawk ic-cirkostanzi mil-ligi mahsuba ("Joseph Tabone noe –vs John Mousu` pro et noe", App. Kumm, 6 ta' Lulju 1993).***

***Hu principju assodat imbaghad, illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita' u nullita' tal-proceduri – "Giuseppi Caruana – vs- Charles sive Charlie Psaila", Appell, 21 ta' Marzu 1997." (Polly Sant vs Direttur ghas-Sigurta' Socjali deciza App.Inf. 16/12/2002.)***

Illi minn ezami ta'l-atti probatorji ghalkemm jirrizulta illi kienet giet skambjata korrispondenza bejn il-beneficcjarja u id-Direttur sa mis-sena 2004 dwar il-hlas

zejjed li kien sar tal-beneficcju socjali li ghalih kienet intitolata, madanakollu l-Avviz formali li jinhareg mid-Direttur fejn tinghata d-decizjoni motivata tieghu qatt ma giet esebieta. L-appellat jallega, fir-rikors tieghu ta’l-appell, li tali decizjoni kienet inghatat fl-2003, ghal liema decizjoni qatt ma kien hemm appell quddiem l-Arbitru u sussegwentment bdiet tintbaghat il-korrispondenza. L-appellanti ma tichadx illi hija irceviet l-ittri interpellatorji u anke l-ittra ufficjali, tant illi kien hemm risposti ghall-istess tramite l-konsulent legali taghha. Madanakollu id-decizjoni ta’l-arbitru ta’l-2003 u prova ta’ notifika ta’l-istess lill-appellanti ma tinsabx fl-atti. Kwindi dina l-Qorti hija rinfaccjata b’nuqqas ta’ prova dwar jekk u meta ittiehdet tali decizjoni ta’ *over-payment* mid-Direttur fil-konfront ta’l-appellanti. *Di piu’* id-Direttur, li dehrlu li kellu jissolleva l-eccezzjoni tal-irritwalita ta’l-appell minhabba in-nuqqas ta’ osservanza tat-terminu statutorji ghal prezentata ta’l-istess, lanqas jindenja ruhu jezebixxi kopja ta’ tali decizjoni datat 20 ta’ Ottubru 2010 u imbaghad flimkien mar-risposta tieghu ghal dan l-appell jipprezenta dokument li fil-fehma tieghu jindika illi l-beneficcjarja kienet giet ikkomunikata din id-decizjoni tieghu bil-miktub dak in-nhar stess li inharrget u cioe’ fl-20 ta’ Ottubru 2010.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi ghalkemm id-Direttur jista’ ikollu ragun f’dak illi jallega, madanakollu ma iressaqx l-icken prova sabiex isostni dawn l-allegazzjonijiet kif kien jinkombi fuqu li jaghmel. Rinfaccjata ghalhekk b’din il-*lacuna* fl-atti, il-Qorti ikollha tistrieh fuq dak li issostni l-appellanti illi hija giet ikkomunikata b’din id-decizjoni biss f’Dicembru 2010 u intavolat l-appell taghha ftit tal-jiem wara u *entro* it-terminu statutorju stabbilit ghall-istess.

Illi l-gurisprudenza iccitata mid-Direttur fir-risposta tieghu ta’l-appell ma tistax issib applikazzjoni ghal dana il-kaz billi hemmhekk kien evidenti illi inhareg Avviz formali tad-decizjoni tad-Direttur debitament ikkomunikata lil beneficcjarja ikkoncernata. L-ilment f’dik id-decizjoni kien fis-sens illi id-

decizjoni ma kienx fiha indikazzjoni preciza dwar liema beneficcju socjali kien qed jigi trattat.

Ghal dawn il-motivi l-aggravvju ta'l-appellanti jisthoqqlu akkoljiment billi ghalkemm ma hemmx dubbju illi hija kienet a konoxxenza tal-fatt illi id-Direttur kien qieghed ifittixxha ghal hlas zejjed li sar lilha ta' beneficcji socjali, madanakollu ma hemmx prova taz-zmien meta saret il-komunikazzjoni bil-miktub tal-Avviz formali kif rikjest mil-ligi fl-artikolu 108 tal-Kapitolu 318 lill-appellanti.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. Il-Qorti tirrimanda l-atti quddiem l-Arbitru biex hemmhekk jigi trattat u deciz l-appell fil-mertu.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------